# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-Erbgha 22 ta' Marzu, 2023

Avviz tat-Talba numru: 231/2022 CL

**Atlas Insurance PCC Limited (C 5601)**

**VERSUS**

**Patrycja Anna Baran (KI nru: 0265824A)**

it-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar ilt-3 ta' Awwissu, 2022 wara li l-konvenuta kienet iffirmat ftehiem fejn obbligat ruhha li tirrifondi lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef u tmien mitt euro (€4,800) rapprezentanti l-ammont illi halset lil terzi in konnessjoni mad-danni subiti bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku illi sehh fis 7 ta' Frar tas-sena 2020. Di fatti, minn dan l-ammont, l-intimata Patryca Anna Baran halset l-ammont komplessiv ta' erba' mija u zewg euro (€402) akkont tas-somma minnha dovuta, fejn waqfet thallas u l-ahhar pagament gie affetwat f'Awwissu 2021. Ghalhekk l-ammont ta' €4,398 huwa dovut lis-socjeta attrici u minkejja li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali a tenut tal-artikolu166A tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta baqghet inadempjenti. B'hekk talbet sabiex l-intimata thallas is-somma ta' €4398, spejjes u drittiijiet relatati mal-prodecuti u tal-ittra ufficjali u bl-imghax legali ta' 8% fuq l-ammont dovut bl-effett mit-30 ta' Settembru 2021, sad-data tal-pagament effetiv.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan ghalkemm dehret mhux assistita ghas-smigh ta' dan il-procediment. It-Tribunal iddikjara li l-konvenuta kienet fl-istat tal-kontumacja u spjega lil-konneuta it-tifsira ta' dan.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tat-30 ta' Novembru u 2022, regghet dehret il-konvenuta mhux assistita. Xehdet il-konvenuta in subizzjoni fejn ikkonfermat illi kienet iffirmat il-ftehiem li kien a foll 4 u 5 tal-process. Xehed ukoll Glenn Mercieca li huwa motor Claims Manager mas-socjeta attrici li ikkonferma illi kien hemm ftehiem li gie iffirmat fis-7 ta'

Frar 2020, li ikkkonferma li kien id-dokument immarkat Dok A fejn il-konvenuta kellha thallas danni fl-ammont ta' €4800 permess ta' pagamenti mensili. Il-konvenuta kienet halset l-ammont ta' €402 fejn l-ahhar pagament li sar kien f'Awwissu 2021 u ghalhekk il-bilanc kien ghadu pendenti.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru, 2022, minkejja li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali, ma resqitx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi ghalkemm dehret quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti u regghet dehret quddiem it-Tribual fis-seduta ta' wara mhux rapprezentata. Tali konvenuta, ghalhekk, kienet giet dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal.*[1]"

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici – u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' erbat elef tlett mija u tmienja u disghin euro (€4,398), bl-imghaxijiet mit-30 ta' Settembru 2021[2] sad-data tal-hlas effettiv u finali. It-Talba ghal-hlas tal-ittra ufficjali datata 27 ta' April 2022 ma tistax tintlaqa' stante li m'hemm ebda kopja fl-atti.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mill-konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

---

[1] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)

[2] Skond il-ftehiem iffirmat bejn il-partijiet